MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Numru 199/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeanne Farrugia)**

**Vs**

**Anowar Abdulkaber**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Anowar Abdulkaber ta' tletin (30) sena, ta' Nazzjonalità Libjana, bin Anowar Abdulkaber u Halima, imwieled il-Libja fl-1981 u residenti l-Gzira, detentur ta' Passaport bin-Numru 971738, talli f'Gunju tas-sena 2011, bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jehtieg ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur u rat l-atti kollha ta' dan il-kaz, fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bil-procedura sommarja;

Rat illi l-imputat filwaqt li ma sabx oggezzjoni sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bil-procedura sommarja, iddikjara li huwa hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

L-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra it-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena fejn gie dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza li f'dan il-kaz sentenza sospiza hija l-piena idoneja ghall-imputat;

Rat li a tenur ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn Qorti Istruttorja ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ghalhekk tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl ta' l-ammissjoni ta' htija ta' l-imputat ghall-akkuza migjuba kontra tieghu, il-Qorti ssib hati ta' l-istess akkuza.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u li rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri. In oltre hadet in konsiderazzjoni l-fatt ukoll li hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza li f'dan il-kaz sentenza sospiza tkun il-piena idoneja ghall-imputat.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 28 u 32(1)(g) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu

tikkundannah ghal tmien (8) xhur prigunerija izda, billi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi hemm lok li l-imsemmi terminu ta’ tmien (8) xhur prigunerija jigi sospiz, a tenur ta’ l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta tissosspendi t-terminu ta’ tmien (8) xhur prigunerija ghall-perijodu ta’ sena (1) b’effett millum.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jekk hu jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------